# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru 2016**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Numru : 216/2016/LSO**

**Vincent Imo Etim I.D. 28986A**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Vincent Imo Etim datat 18 ta' Marzu 2016 fejn espona: -

Illi r-rikorrenti kien applika sabiex jinghata c-cittadinanza Maltija, u liema talba giet milquha mill-Awtoritajiet kompetenti, kif jidher mic-certifikat tac-cittadinanza Maltija li jgib in-numru 17640 anness u mmarkat bhala 'Dok A'. F'dan ic-certifikat, l-isem tar-rikorrenti gie indikat **korrettament** bhala 'Vincent Imo';

Illi fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti mizmum mill-Ufficcju tar-Registru Pubbliku u li jgib in-numru 1007/2016, liema dokument qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok B', l-isem tar-rikorrenti huwa erronjament indikat bhala 'Vicent Imo' meta fir-realta' dan ghandu jkun imnizzel bhala 'Vincent Imo';

Illi apparti c-certifikat tac-cittadinanza imsemmi qabel, kemm fil-passaport Nigerjan tar-rikorrenti, liema kopja tal-passaport qieghda tigi annessa u mmarkata bhala 'Dok C' u kif ukoll il-permess ta' residenza mahruga mill-Awtoritajiet Maltin, liema dokument qieghed jigi anness u mmarkat bhala 'Dok D', it-tnejn li huma jindikaw l-isem tar-rikorrent bhala 'Vincent Imo';

Illi jidher mil-logika li l-izball fl-isem tar-rikorrenti fuq ic-certifikat tat-twelid jorigina mill-fatt illi l-Ufficcju tar-Registru Pubbliku mxew fuq ic-certifikat tar-registrazzjoni tat-twelid tar-rikorrenti datat l-ghoxrin (20) ta' Gunju 1978 mahrug mill-Awtoritajiet Nigerjani (anness u mmarkat bhala 'Dok E') illi erronjament juri l-isem tar-rikorrenti bhala 'Vicent', izda fl-ebda dokument ufficjali l-isem tar-rikorrent m'huwa indikat b'dan il-mod;

Illi t-tali inkonsistenza qieghda tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrent u ghalhekk huwa ghandu interess skont il-ligi sabiex *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ssir id-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tieghu;

Illi din l-inkonsistenza fl-isem tar-rikorrenti sehhet biss minhabba zball li sar mid-Direttur tar-Registru Pubbliku jew impjegati tieghu, u ghalhekk l-esponenti m'ghandux jinkorri l-ispejjez ta' dawn il-procedutri;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li hemm il-htiega li ssir annotazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 1007/2016, fis-sens illi l-isem tar-rikorrenti ghandu jinbidel sabiex jigi jaqra 'Vincent Imo';

2. Konsegwentement tordna illi fl-Att tat-Twelid odjern isiru annotazzjonijiet mehtiega fis-sens illi fil-kolonna "Isem tal-Wild" l-isem ta' "Vicent Imo" jigi kkancellat u sostitwit bl-isem "Vincent Imo" u dan sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'l quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Bl-ispejjes.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 30 ta’ Mejju 2016 (fol 18) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri;

2. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent jirrileva illi ghalinqas mill-kopja tar-rikors promotur li gie notifikat lilu, ma jidhirx li hemm imnizzel il-kliem 'Rikors <u>Guramentat</u> ta' Vincent Imo Etim' skont kif jipprovdi l-Artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. *[Enfasi tal-esponent]* Madankollu jidher li r-rikors promotur in kwistjoni fih it-timbru tal-gurament skont id-dettami tal-Artikolu 156 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ir-rikorrent ghandu jirregola ruhu f'dan ir-rigward;

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, huwa essenzjali ghall-integrita` tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens li huwa ghandu jidher bhala *'Vicent Imo Etim sive <u>Vincent</u> Imo Etim'* u

mhux *'Vincent Imo Etim' stante* li l-isem *'Vincent'* ma jappartjenix lilu skont kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni elf u sebgha (1007) tas-sena elfejn u sittax (2016); *[Enfasi tal-esponent]*

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-att tat-twelid in kwistjoni, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf u sebgha (1007) tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa sempliciment registrazzjoni li jirrifletti d-dettalji ta' twelid barrani u li wara kien gie rregistrat hawn Malta. Illi tali twelid kien gie registrat hawn Malta abbazi tad-dokumenti li r-rikorrent stess kien issottometta lir-Registru Pubbliku ta' Malta. Fil-fatt ir-rikorrent stess jammetti permezz tad-dokument anness mar-rikors promotur bhala 'Dok E', li huwa c-certifikat tar-registrazzjoni tat-twelid tar-rikorrent datat l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija, tmienja u sebghin (1978) mahrug mill-Awtoritajiet Nigerjani, li jindika bic-car illi l-isem tar-rikorrent huwa 'Vicent';

6. Illi l-esponent jirrileva illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa obbligat illi jipproduci l-istess informazzjoni hekk kif tinsab fuq l-att tat-twelid originali hekk kif provdut mir-rikorrent. Ghaldaqstant, id-Direttur tar-Registru Pubbliku joggezzjona ghat-talbiet kif dedotti fir-rikors in risposta *stante* li huwa kostrett illi jirregistra l-isem hekk kif provdut fl-Att tat-Twelid originali mahrug minn awtorita` kompetenti, li fil-kaz *de quo* huwa n-Nigerja;

7. Illi bla pregudizzju, l-esponent jirrileva illi jekk jirrizulta li jehtieg li jsir xi korrezzjoni ta' zball minn fuq l-Att tat-Twelid

tar-rikorrent, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni elf u sebgha (1007) tas-sena elfejn u sittax (2016), dan zgur mhux b'nuqqas tal-esponent, *stante* li r-Registru Pubbliku rregistra l-Att tat-Twelid mahrug mill-Awtoritajiet Nigerjani, wara li l-ufficjali tar-Registru Pubbliku nizlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att tat-Twelid mahrug mill-Awtoritajiet Nigerjani datat l-ghoxrin (20) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija, tmienja u sebghin (1978), li kien ipprovda r-rikorrent stess. Illi ghaldaqstant l-esponent m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din l-azzjoni odjerna, *stante* l-fatt li ma sar l-ebda zball li jista` jkun attribwit lill-esponent;

8. Illi bla hsara, l-esponent jirrileva illi *stante* li r-registrazzjonijiet barranin isehhu bil-mod deskritt fl-eccezzjoni surreferita, fejn l-ufficjali tar-Registru Pubbliku jnizzlu *ad verbatim* l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Atti barranin, l-unika mod ta' kif jistghu jigu kkorreguti zbali ta' dawn it-tip, huwa jekk l-att originali jigi kkorregut mill-Awtoritajiet minghand min jkun inhareg l-att in kwistjoni;

9. Illi l-esponent jirrileva illi huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-konfront tal-Awtoritajiet Maltin imsemmija fit-tielet paragrafu tar-rikors in risposta;

10. Illi inoltre, bla pregudizzju, fit-talbiet tieghu r-rikorrent ma talabx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrent fuq ic-certifikat taz-zwieg relattiv. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa vestit bis-setgha li jirregistra jew isewwi Atti ta' l-

Istatus Civili *a tenur* ta' **l-Artikolu** 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrent ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward ghandhom isiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija rikjesta fuq ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent;

11. Illi subordinatament, bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

12. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 10 ta’ Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Gian Luca Cappitta ghar-rikorrent, li rrinunzja ghal kap tal-ispejjez. Dehret Dr Ariana Falzon ghad-Direttur Intimat. Il-kawza giet differita

ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghall-15 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-23 ta' Marzu 2016 (fol 13) u b'hekk it-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Jirrizulta li saret in-notifika lill-Avukat Generali, ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija wkoll sorvolata, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi din hi registrazzjoni *ai termini* tal-artikolu 244 tal-Kap 16 li jiddisponi:

"**244**. (*1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx xi att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270 (1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta'*

*dak l-att, jigi registart f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu."*

*(2) Il-persuna li taghmel t-talba ghandha ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi r-rikorrent qed jitlob li ismu fir-registrazzjoni tal-att tat-twelid li saret hawn Malta tkun "Vincent Imo" u mhux "Vicent Imo", kif errronjament imnizzel.

Jirrizulta li r-rikorrent twieled fin-Nigerja u wara li applika ghac-cittadinza Maltija li giet milqugha mill-Awtorita` kompetenti, Dok A (fol 5), hu rregistra l-att tat-twelid tieghu bl-att numru 1007 tas-sena 2016, Dok B (fol 6), izda hemmhekk ismu hu tnizzel erronjament bhala "Vicent".

Illi r-rikorrent xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma li ismu dejjem kien Vincent u fid-dokumenti dejjem imnizzel bhala "Vincent" u sar jaf biss meta kiber, b'dan l-izball li apparentement hu kawza ta' *misprint* fuq l-att tat-twelid tieghu Nigerjan. Inoltre`, hu esebixxa serje ta' dokumenti, fosthom kopja tal-passaport tieghu Nigerjan (fol 7) fejn ismu hu mnizzel bhala "Vincent".

Illi fid-dawl tal-affidavit u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent irnexxielu jipprova li ismu minn tfulitu huwa "Vincent Imo", u li jidher li kien sar zball fl-att tat-twelid tieghu Nigerjan. Ghalhekk, it-talba tieghu hija

gustifikata kif trid il-Ligi a tenur tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid li gie registrat hawn Malta, *stante* li gie riprodott l-istess informazzjoni li kien hemm fl-att tat-twelid esteru provdut mir-rikorrent. Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dan il-kaz.

Ikkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza aktar recenti, il-Qorti ghandha fejn tista', ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.

Hu evidenti li l-Qorti meta tilqa' t-talba tar-rikorrent, ghandha tipprocedi biex taghti l-ordni lill-intimat jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk din l-eccezzjoni tal-intimat hija wkoll indirizzatat u sorvolata.

## III <u>KONKLUZJONI</u>

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet u mit-talbiet billi tichad dawk l-eccezzjonijiet sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza filwaqt li tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li hemm htiega li ssir annotazzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrent billi isem ir-rikorrent ghandu jkun "Vincent Imo" u mhux "Vicent Imo".

2. Konsegwentement tilqa' t-tieni talba billi tordna lid-Direttur intimat jaghmel il-korrezzjoni mehtiega hekk kif fuq imfisser.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Dicembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru 2016**